Kunsill Lokali Ħal Balzan
7/9, Triq Dun Spir Sammut,
Ħal Balzan

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Balzan

## IT-TMIEN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 40

Data tal-laqgħa: 18 ta` Settembru 2017

Il-Kunsilli Lokali Ħal Balzan ltaqa` fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 7/9, Triq Dun Spir Sammut, Ħal Balzan, fl-4.00 ta` filgħaxija.

### PREŻENTI:

Nutar Ian Spiteri – Sindku
Andre` Grech – Viċi Sindku
Desmond Zammit Marmara` – Kunsillier
Daniel Muscat – Kunsillier
Joe Galea – Kunsillier

### ASSENTI b`APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Ma kien hemm ebda membru assenti b`apoloġija.

### ASSENTI:

Ma kien hemm ebda membru assenti.

### UFFIĊJAL PREŻENTI:

Doriette Farrugia – Segretarju Eżekuttiv (SE)

## Minuti

Is-Sindku in-Nut. Ian Spiteri ippresjeda l-laqgħa.

## 40.1 Qari tal-ittri ta` apoloġiji

40.1.1 Ma kienx hemm ittri ta` apoloġiji.

## 40.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Numru 39

40.2.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdu l-minuti tad-Disgħa u Tletin Laqgħa. Kopja tal-minuti ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

40.2.2 Il-Kunsillier Desmond Zammit Marmara` talab li jiżdiedu dawn il-kliem: ''Il-Kunsillier Desmond Zammit Marmara` issuġġerixxa li l-Kunsill jieħu sehem.'' Wara s-sentenza li tispiċċa bil-kelma ''Ottubru'' fit-tielet (3) linja ta` punt 39.8.3. Il-Kunsill approva li l-minuti jiġu emendati kif mitlub mill-Kunsillier Desmond Zammit Marmara`.

40.2.3 Is-Sindku staqsa jekk hemmx xi korrezzjoni tal-minuti oħra. Il-minuti kienu approvati unanimament.

## 40.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa dwar is-Saħħa u Sigurta` waqt il-ġimgħa tal-festa

40.3.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdu l-minuti tal-Laqgħa dwar is-Saħħa u Sigurta` waqt il-ġimgħa tal-festa. Kopja tal-minuti ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

40.3.2 Is-Sindku staqsa jekk hemmx xi korrezzjoni tal-minuti. Il-minuti kienu approvati unanimament.

## 40.4 Punti li joħorġu mill-Minuti

40.4.1 Is-SE infurmat lill-Kunsill li wara l-laqgħa li attendiet flimkien mas-Sindku, nhar it-Tnejn, 28 ta` Awwissu 2017 dwar il-*bollards* li ġew installati fejn il-fabbrika tal-għaġin fil-Wied ta` Ħal Balzan, Transport Malta għadhom ma bagħtux għall-Kunsill.

40.4.2 Is-Sindku in-Nut. Ian Spiteri infurma lill-Kunsill li xi residenti qed jiġbru petizzjoni kontra dawn il-*bollards,* fejn hu ffirma bħala resident peress li jaqbel li għandhom jitneħħew. Dan għaliex it-triq alternattiva biex tidħol fil-Wied ta` Ħal Balzan hija aktar perikoluża u qed ikun hemm konġestjoni tat-traffiku fi Triq in-Naxxar.

40.4.3 Is-SE ser titlob lill-Transport Malta għal *feedback.*

## 40.5 Komunikazzjoni mis-Sindku

40.5.1 Is-Sindku in-Nut. Ian Spiteri infurma lill-Kunsill li dwar il-problema ta` ilma bis-sadid li qed ikollu r-resident li joqgħod 103, Triq Idmejda. Il-ħaddiema tal-WSC, wara spezzjoni li għamlu, sabu li l-*main* tal-ilma tal-gvern ta` Triq Idmejda spiċċa kollu u hemm bżonn li jinbidel. Il-ħaddiema tal-WSC infurmaw lir-resident ta` 103, Triq Idmejda li l-Kunsill irid jagħmel it-talba direttament mal-WSC biex jinbidel il-*main.* Dan l-ilment se jgħaddi għand il-WSC.

40.5.2 Is-Sindku infurma lill-Kunsill b`*email* li rċieva mingħand il-GRTU fejn qed jitolbu laqgħa ma` rappreżentant tal-Kunsill dwar l-*issue* tal-ħadt tax-xogħol f`diversi lokalitajiet fejn f`ċertu ċirkostanzi joħloq konfużjoni mingħajr bżonn. Għal din il-laqgħa se jattendi l-Viċi Sindku Andre` Grech.

## 40.6 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera

40.6.1 Il-Kunsillier Desmond Zammit Marmara` fakkar lill-Kunsill li l-kors edukattiv dwar il-kura tal-ġilda u kif tapplika l-*make-up* mill-kumpanija Franks se jsir nhar l-Erbgħa 11 ta` Ottubru 2017 bejn il-5.00pm u s-7.00pm.

40.6.2 Il-Kunsillier Desmond Zammit Marmara` infurma lill-Kunsill li, wara l-waqfa tas-Sajf, il-ħarġiet għall-anzjani se jerġgħu jibdew minn nhar il-Ħamis 12 ta` Ottubru 2017.

40.6.3 Il-Kunsillier Desmond Zammit Marmara` semma il-problema ta` *double parking* fejn l-iskola ta` San Alwiġi fi Triq San Franġisk u Triq il-Kbira. Is-SE infurmat lill-Kunsill li l-gwardjani lokali diġa` ġew infurmati biex meta tibda l-iskola, tibda ssir sorveljanza fl-akwati u nfurzar fejn ikun hemm bżonn.

40.6.4 Il-Kunsillier Desmond Zammit Marmara` staqsa kif bqajna fuq il-proġett tad-*Day Centre* li kien qed jaħdem fuqhu il-Kunsill preċedenti. Dan il-proġett kien waqaf peress li ma kienx instab post fejn jista` isir id-*Day Centre.*

40.6.5 Il-Kunsillier Joe Galea infurma lill-Kunsill li niżlet parti minn Triq Idmejda. Ġie deċiż li din il-materja tiġi diskussa aktar il`quddiem wara li nirċievu risposta mill-WSC dwar il-bdil tal-*main.*

40.6.6.1 Il-Kunsillier Daniel Muscat infurma lill-Kunsill li nhar is-Sibt, 16 ta` Settembru 2017, flimkien mal-Kunsillier Joe Galea ħadu sehem fl-attivita` *Let's Do It Malta 2017*, fejn sar tindif ta` parti mil-għalqa ta` Wesgħa Profs. Guze Aquilina.

40.6.6.2 Il-Kunsillier Daniel Muscat flimkien mal-Kunsillier Joe Galea infurmaw lill-Kunsill bl-ammont ta` ħmieġ li sabu, fejn kien impossibbli li jitnaddaf kollu.

40.6.6.3 Is-Sindku ħareġ bl-idea li jinbena ċint madwar parti mill-għalqa, tingħalaq b`*barrier*, isir tindif sew ta` din il-parti u tiġi offruta bħala parkeġġ għar-residenti.

40.6.6.4 Ġie deċiż li ssir talba għal-laqgħa mal-Onor. Chris Agius, Segretarju Parlamentari għall-ippjanar u s-suq tal-proprjeta` biex diġi diskussa din il-possibilta`.

40.6.7 Il-Kunsillier Daniel Muscat ta spjegazzjoni tal-programm tal-attivita` *Balzan Arts and Festval* li se ssir nhar il-Ġimgħa 22 ta` Settembru 2017.

F`dan il-ħin (5.15pm) ġiet sospiża l-laqgħa għal ftit minuti. Il-laqgħa tkompliet fil-5.30pm.

## 40.7 Inawgurazzjoni tal-Uffiċċju Amministrattiv il-ġdid

40.7.1 Is-SE infurmat lill-Kunsill li l-Eċċellenza Tagħha Marie-Louise Coleiro Preca, President ta` Malta, il-Ministru għall-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali l-Onor Dr Owen Bonnici u s-Segretarju Parlamentari għall-Gvern Lokali u Komunitajiet l-Onor. Silvio Parnis ma setgħux jattendu għall-Inawgurazzjoni tal-Uffiċċju Amministrattiv il-ġdid. Għalhekk, l-Inawgurazzjoni kellha tiġi posposta.

40.7.2 Is-Sindku ssuġġerixxa li din l-attivita` issir nhar il-Ħamis 7 ta` Diċembru 2017 fit-8.00pm. Il-Kunsill unanimament qabel ma` din id-data.

40.7.3 Il-Kunsill qabel ukoll li tinkera tinda u tiġi armata quddiem il-bieb, fl-eventwalita` li jkun il-maltemp.

## 40.8 Ilmenti u *Items* oħra ta` xogħol ieħor tal-Kunsill

40.8.1 Is-SE talbet lill-Kunsill għall-approvazzjoni permezz ta` reżoluzzjoni sabiex takkumula 45 siegħa mill-*leave* ma` tas-sena d-dieħla. Il-Kunsill approva unanimament.

40.8.2.1 Is-SE infurmat lill-Kunsill lid-deċiżjoni mill-PCRB dwar l-appell tat-*Tender for Street Sweeping Services*

*in the locality of Ħal Balzan* – BLC 04/2017, kienet li l-Kunsill kien kkonformi waqt il-proċess tal-għażla minħabba l-fatt li l-kriterji tal-għotja kienet l-prezz, għalhekk il-proċess għandu jibqa` għaddej.

40.8.2.2 Is-SE infurmat lill-Kunsill liż-żewġ (2) kuntratturi: Progressive Solutions Ltd u Premier Business Limited li kienu ntagħżlu, ġew infurmati permezz tas-sistema tal-ePPS. Progressive Solutions Ltd irrifjuta l-kuntratt minħabba impenji fuq proġetti oħra, għalhekk il-kuntratt se jingħata lill-Premier Business Limited. Dan il-kuntratt se jibda` mill-1 ta` Ottubru 2017.

40.8.3 Is-SE infurmat lill-Kunsill li l-kontenitur tal-metall li hemm f`Wesgħa Profs. Guze Aquilina mkisser. Dan jiswa €250, VAT eskluż biex jinbidel mill-GreenPak. Ġie deċiż li nistaqsu lill-GreenPak jistax jintuża wieħed mill-kontenituri li kien hemm fi Triq Wigi Ebejer jew fil-Wied ta` Ħal Balzan.

40.8.4 Ġiet innutata Ċirkulari Numru 66/2017 – Formoli u Aġenda tal-Laqgħa Plenarja, 30 ta` Settembru mibgħuta mill-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali. Għal din il-laqgħa ser jattendi s-Sindku, in-Nut. Ian Spiteri.

40.8.5 Ġew innutati linji gwida maħruġa mill-Ministeru għall-Finanzi dwar Skema ta` finanzjament għall-Kunsilli Lokali li jinstallaw *Bike Racks* fil-lokalita`. Is-SE se tiċċekkja ma` Kunsilli Lokali oħra kif applikaw għal dawn il-fondi.

40.8.6 Ġiet innutata *email* mibgħuta mill-GreenPak dwar il-*GreenPak's Local Council Awards*. Ġie deċiż li l-Kunsill jibgħat in-nominazzjoni għall-premju *Most Supportive Locality Award.*

40.8.7 Ġiet innutata *email* mibgħuta minn Transport Malta fejn qed jinfurmaw lill-Kunsilli Lokali li ma jistgħux jinħarġu permessi biex tingħalaq jew isiru interventi f`xi triq bejn is-7.00am u d-9.00am.

40.8.8 Is-SE infurmat lill-Kunsill li nfetħu l-applikazzjonijiet għal Premju Anzjanita` Attiva 2017. Il-Kunsillier Desmond Zammit Marmara` ippropona diversi persuni biex jiġu nominati, fosthom: John Rizzo Naudi, Mary Gambin, Joe Galea, Carmel Bezzina, Josephine Felice Pace u r-raġel tagħha. Ġie deċiż li l-Kunsillier Desmond Zammit Marmara` jara sew il-linji gwida u jinfurma lill-Kunsill dwar dan fil-jiem li ġejjin, biex finalment jiġi deċiż jekk jintefgħux in-nomini.

## 40.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta` pagamenti

40.9.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdet l-iskeda ta` pagamenti nru. 10/17 li ġġib id-data tat-18 ta` Settembru 2017 (mehmuża) li tammonta għas-somma ta` €5,811.37.

40.9.2 L-iskeda ta` ħlasijiet kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Kunsillier Desmond Zammit Marmara` li kien issekondat mill-Kunsillier Joe Galea. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet.

## 40.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

40.10.1 Il-Laqgħa ntemmet fis-6.05pm.

40.10.2 Il-Laqgħa li jmiss se ssir nhar it-Tnejn, 23 ta` Ottubru 2017 fl-4.00pm.

Konfermati, illum it-Tnejn, 23 ta` Ottubru 2017.

IFFIRMATA

Nut. Ian Spiteri
Sindku

IFFIRMATA

Doriette Farrugia
Segretarju Eżekuttiv